

Il-faċċata tal-Passjoni, Bażilika tas-Sagrada Familia, Barċellona

# Sussidju għar-Randan

KUMMISSJONI ĠUSTIZZJA U PAĊI

# “ĊARRTU QALBKOM, U MHUX ILBIESKOM”

**(Ġoel 2:13)**

SUSSIDJU PASTORALI GĦALL-OMELIJI
GĦALL-ĦDUD TAR-RANDAN 2019

KUMMISSJONI ĠUSTIZZJA U PAĊI

# DAĦLA

Is-sena 2019 hija sena li fiha l-pajjiż tagħna flimkien mal-pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea se jingħaqdu flimkien biex jivvutaw u jelleġġu l-membri tal-Parlament Ewropew. F'Malta din l-okkażjoni se tkun marbuta wkoll mal-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Dawn iż-żewġ avvenimenti huma ċelebrazzjoni tad-demokrazija fejn il-poplu jeżerċita d-dritt tiegħu biex jieħu sehem fid-determinazzjoni tad-direzzjoni li fih jixtieq li jiġi ggvernat, mill-aktar livell viċin tiegħu sa dak fuq skala akbar. Nafu iżda li aktar milli ċelebrazzjoni, dawn l-okkażjonijiet ħafna drabi jservu biex ikomplu jsaħħnu l-qiegħa politika u jintensifikaw il-polarizzazzjoni li diġà ssaltan f'pajjiżna. Dan ħafna drabi jwassal ukoll biex id-diskussjonijiet u l-votazzjonijiet ma jkunux ibażżati fuq policies, imma aktar fuq lealtajiet partiġġjani jew ħlas lura ta' pjaċiri passati.

Il-Knisja, fil-mixja tagħha wara l-Mulej, għandha d-dmir titfa' dawl Nisrani fuq dak li jkun għaddej minnu l-poplu. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi tal-Arċidjoċesi ta' Malta, ħasbet biex din is-sena tħejji dan il-ktejjeb għas-saċerdoti bħala għajnuna għar-riflessjoni għal matul iż-żmien tar-Randan, b'mod speċjali għall-omeliji tal-Ħdud. Dawn ir-riflessjonijiet jorbtu wkoll mad-dokument mħejji minn Justice & Peace Europe (JPE), il-konferenza tal-Kummissjonijiet għall-Ġustizzja u Paċi tad-djoċesijiet Ewropej. Id-dokument jiffokka fuq erba' temi komuni għall-pajjiżi Ewropej li l-JPE tixtieq tara implementati fil-leġiżlatura li jmiss tal-Parlament Ewropew, u li jittrataw:

1. Il-ġustizzja soċjali, id-distribuzzjoni tal-opportunitajiet u tal-ġid, il-faqar u l-esklużjoni soċjali;
2. Il-ħarsien tal-ambjent, inkluż il-ħela tal-ikel;
3. Il-paċi globali, u r-realtà tal-esportazzjoni tal-armi;
4. Ir-rispett għad-dinjità u d-drittijiet ta' kull bniedem li huma mhedda minħabba prattiċi ekonomiċi inġusti.

Dawn it-temi għandhom jinteressawna għax jaffetwawna b'modi diretti u indiretti u huma wkoll marbuta mal-mod kif ngħixu ħajjitna u l-għażliet li nagħmlu fil-ħajja ta' kuljum.

Kif jikteb il-Papa Benedittu (*Caritas in Veritate* nru 9):

> Il-Knisja ma għandhiex soluzzjonijiet tekniċi x'toffri u "xejn ma tippretendi li tindaħal fil-politika tal-Istati". Iżda għandha missjoni ta' verità x'taqdi, f'kull żmien u qagħda, favur soċjetà tixraq lill-bniedem, lid-dinjità tiegħu, lis-sejħa tiegħu.

Il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi mhix tippretendi li dawn il-proposti huma l-aħjar jew l-uniċi soluzzjonijiet li għandha bżonn l-Ewropa imma b'mod prattiku qed tipprova tagħti dawl ta' kif il-fidi tagħna tista' ddawwal il-mod ta' kif ngħixu fis-soċjetà tal-lum. Kif jikteb il-Papa Pawlu VI: "L-evanġelizzazzjoni ma tkunx sħiħa jekk ma tagħtix kas tal-appell reċiproku, li jagħmlu l-ħin kollu 'l xulxin il-Vanġelu u l-ħajja konkreta, personali u soċjali, tal-bniedem". (*Evangeli Nuntiandi* nru 29)

Nittamaw li dan il-ktejjeb iservi ta' għodda biex il-Knisja tkompli taqdi dan id-dmir li jpoġġi l-Papa Pawlu VI fuq dawk kollha li jxandru l-Evanġelju.

Il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi tixtieq tirringrazzja lil dawk kollha li taw il-kontribut tagħhom biex setgħet tippreżenta dan is-sussidju, fosthom lil Dun Carlo Calleja li ħa ħsieb l-ewwel parti u lil Dun Mark Sultana u lil Patri Mark Cachia SJ li kkontribwixxew fit-tieni parti.

**Daniel Darmanin**
*President Kummissjoni Ġustizzja u Paċi*

## INTRODUZZJONI: OMELIJI LI JQAJMU L-KUXJENZA

Ir-Randan huwa żmien partikolarment addattat biex in-Nisrani jagħrbel il-kuxjenza tiegħu fuq l-involviment tiegħu fil-ħajja pubblika. Dan għaliex huwa żmien ta' tħejjija għal għejxien aktar profond tal-Misteru tal-Għid (*Paschal Mystery*), bil-wiegħda ta' tama ġdida li hi marbuta miegħu. Il-Misteru tal-Għid hu tassew l-akbar riżorsa li l-Knisja tista' toffri fi żmien ta' qtigħ il-qalb, mhux biss quddiem sfidi personali u familjari iżda wkoll quddiem dawk lokali u globali. Hija l-Aħbar it-Tajba tal-imħabba feddejja ta' Kristu li għandha tkun l-għajn u l-ixprun tal-involviment ta' kull persuna fil-ħajja pubblika.[1]

Hija u tiċċelebra l-Ewkaristija, permezz tas-smigħ tal-Aħbar it-Tajba u l-ispjegazzjoni tagħha, permezz tal-qsim f'Ħobża Waħda u Kalċi Wieħed, u permezz tal-ħajja parrokkjali b'mod ġenerali, il-komunità Nisranija ssir aktar ħielsa biex tilqa' l-grazzji li jgħinuha tgħix il-ħajja pubblika fid-dawl tal-Evanġelju.[2] Għalhekk, l-omelija għandha sservi biex tissensitizza l-kuxjenza tan-Nisrani. L-omelija, minħabba "n-natura liturġika" tagħha qatt m'għandha tkun ridotta għal diskussjoni fuq affarijiet kurrent.[3] Madanakollu wieħed jista' jaqsam riflessjoni fuq ġrajjiet kurrenti fid-dawl tal-Kelma ta' Alla u fil-kuntest tal-Ewkaristija.[4] L-omelija, għalhekk, għandha ssib modi kif tqajjem is-sens tal-kuxjenza li hemm fil-qalba tal-qalb ta' kull persuna.

Il-kuxjenza għandha tkun dik li tmexxina f'kull ħaġa li nagħmlu u fil-mod kif ngħixu. Minflok, sfortunatament, ħafna drabi ħallejnieha rieqda u qajjimnieha biss biex tipprotesta kontra xi theddida morali meta kien tard wisq. Il-Konċilju Vatikan II kien ħeġġeġ lill-Insara "li huma ċittadini taż-żewġt ibliet" biex ifittxu jaqdu sewwa d-dmirijiet tagħhom tal-Evanġelju u dan billi jagħrfu li permezz tal-kuxjenza tagħhom iffurmata sew jaraw li l-liġi divina hi riflessa anki fil-ħajja tal-belt tal-art. Il-kostituzzjoni *Gaudium et Spes* tkompli b'dawn il-kliem:

> Il-lajċi għandhom jistennew mis-saċerdoti dawl u qawwa spiritwali. U m'għandhomx jaħsbu li r-ragħajja tagħhom dejjem huma hekk imħarrġa li f'kull kwistjoni, ukoll iebsa, li tinqala' jistgħu jkollhom tweġiba konkreta dejjem lesta jew li din hija l-missjoni tagħhom. Anzi huma stess għandhom jerfgħu r-responsabbiltà tagħhom fid-dawl tal-għerf Nisrani u fir-rispett lejn it-tagħlim tal-Maġisteru.[5]

L-Insara jagħrfu li r-responsabbiltà tal-kuxjenza tagħhom bħala ċittadini ma tibdiex u tispiċċa fil-mument tal-votazzjoni imma tkompli ma' kull aspett ieħor tal-ħajja; mill-aħbarijiet li wieħed jagħżel li jsegwi għall-mod ta' kif wieħed juża r-riżorsi tiegħu, sal-mod ta' kif wieħed jipparteċipa f'diskussjonijiet. Li wieħed ikollu kuxjenza ffurmata jfisser li jagħraf li m'aħniex *single issue voters* imma li r-realtà hi ħafna aktar ikkumplikata minn hekk. Ifisser li jista' jkun hemm bżonn li wieħed iċedi affiljazzjonijiet politiċi li dejjem kellu sabiex ikun aktar ħieles u jagħżel oħrajn li aktar jirriflettu b'mod ċar il-valuri Nsara. Dan jista' jfisser li wieħed jagħti aktar importanza lill-prinċipji morali milli l-aħħar

---

[1] Aqra aktar: David Hollenbach, "Catholics as Citizens: Pastoral Challenges and Opportunities," *Logos: A Journal of Catholic Thought and Culture* 3, nru 4 (2000), pġ. 57-69.

[2] Ibid.

[3] Kongregazzjoni għall-Kult Divina u d-Dixxiplina tas-Sagramenti, *Direttorju Omeletiku: Għajnuna għas-Saċerdoti fl-Omeliji,* nru 4, Vatikan, Frar 2015, http://www.laikos.org/direttorju-omeletiku.doc.

[4] "Lanqas hu f'loku li noqogħdu noffru fatti ta' kronaka attwali biex inqanqlu l-interess ... Minkejja dan, nistgħu nitilqu minn xi storja biex il-Kelma tista' tħalli effett aqwa fl-istedina tagħha għall-konverżjoni, għall-adorazzjoni, għal atteġġjamenti konkreti ta' fraternità u ta' servizz u oħrajn. Madankollu xi drabi, xi nies għad li jieħdu gost li fl-omelija jisimgħu kummenti fuq ir-realtà, ma jħallux li dan iqanqalhom u jisfidahom personalment" - Il-Papa Franġisku, *Evangelii Gaudium* nru 155, http://www.laikos.org/EG.htm.

[5] Konċilju Vatikan II, *Gaudium et Spes*, Kostituzzjoni Pastorali Dwar il-Knisja fid-Dinja tal-Lum nru 43, Diċembru 1965, http://www.laikos.org/vat2_gaudium-et-spes_ver2017.htm.

stħarriġ tal-opinjoni pubblika, il-bżonnijiet tad-dgħajfa fis-soċjetà qabel dawk ta' dawk li huma b'saħħithom, u l-ġid komuni fuq l-interessi dojoq u personali.[6]

## GĦAJNUNA GĦALL-OMELIJI

Dawn l-għajnuniet għall-omeliji tal-Ħdud tar-Randan jiġbru fihom materjal* minn kummentarji bibliċi u testi ispirati mit-tagħlim soċjali tal-Knisja b'tali mod li jistgħu jkunu integrati fl-omeliji skont il-liturġija tal-jum. L-iskop ta' din l-għajnuna mhuwiex li f'kull quddiesa f'Malta l-omeliji jkunu l-istess. Nixtiequ, anzi, li kull predikatur jieħu f'idejh dan is-sussidju sabiex jgħinu fir-riflessjoni u bil-kreattività tiegħu u fil-kuntest tal-komunità li fiha huwa jkun qed jippriedka jiżvillupa punti li jenfasizzaw ir-relevanza tal-Evanġelju fid-dinja tal-lum. Mhuwiex lanqas neċċesarju li wieħed jinkludi l-punti kollha msemmija hawn. Wara kollox, kif iħobb ifakkarna l-Papa Franġisku, omelija tajba ma tkunx twila wisq.

It-"Tema" u s-"Sintesi tal-Qari" huma biss suġġerimenti għalik biex iwassluk għal tema jew oħra li tkun tixtieq twassal skont il-komunità li għandek quddiemek.

L-"Esperjenza" hi maħsuba biex toffri rakkont li jmiss il-qalb u tista' tibda jew tagħlaq bih, jew b'xi storja oħra adattata għall-komunità tiegħek. L-għan tal-esperjenza mhuwiex biss biex torbot mal-konkret imma biex isservi ta' analoġija ta' kif Alla jaħdem magħna.

L-"Applikazzjonijiet" jipprovdu suġġerimenti għal punt jew tnejn mill-qari li tista' tintegra fl-omelija tiegħek sabiex ikollha wkoll dimensjoni soċjali. It-testi "Mit-Tradizzjoni Kattolika" huma maħsuba biex jgħinuk tiżviluppa xi punt imma jistgħu jintużaw ukoll għall-adorazzjonijiet ewkaristiċi, via sagra jew rużarju meditat.

Fit-tieni parti ta' dan il-ktejjeb issib artikli maħsuba biex wieħed ikun jista' japprofondixxi xi temi li l-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi (flimkien ma' Justice & Peace Europe) għażlu biex jippromwovu fil-kuntest tal-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin. Dawn l-artikli mhumiex marbutin ma' żmien liturġiku partikolari u jistgħu jservu bħala għajnuna anke fiż-żmien ta' wara r-Randan.

## * RIŻORSI UŻATI


Allen, Ronald J., Dale P. Andrews and Dawn Ottoni-Wilhelm (Eds.) *Preaching God'sTransforming Justice: A Lectionary and Commentary, Year C*. Louisville, KY: Westminster John Knox Press, 2012.

Biblia Clerus: http://www.clerus.org/bibliaclerusonline/en/index.htm

Biddle, Perry H. *Preaching the Lectionary: A Workbook for Year C*. Louisville, KY: Westminster John Knox Press, 1991.

Leck, Leander E. (Ed.) *The New Interpreter's Bible Commentary (12 Volumes).* Nashville, TN: Abington Press, 1994-2004.


[6] USCCB, *Forming Consciences for Faithful Citizenship* nru 61, 2015, http://www.usccb.org/issues-and-action/faithful-citizenship/upload/forming-consciences-for-faithful-citizenship.pdf.

# L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN

## Tema

In-Nisrani bħala "ċittadin taż-żewġt ibliet". Dan ifisser li f'din il-ħajja n-Nisrani jgħix b'mod attiv imma dejjem b'ħarsa lejn il-ħajja ta' dejjem. Din għandha implikazzjonijiet mhux biss għas-salvazzjoni personali iżda wkoll fil-mod ta' kif nibnu soċjetà li tirrifletti l-valuri tas-Saltna ta' Alla.

I. Dewt. 26, 4-10 – Ġibt l-ewwel frott tal-art li tajtni int, Mulej
S. 90 (91) – Alla tiegħi, jien fik nittama
II. Rum. 10, 8-13 – Il-kelma qiegħda ħdejk
E. Lq. 4, 1-13 – Ġesù mġarrab mix-Xitan

## Sintesi tal-Qari

It-tema rikurrenti fit-tliet qari tal-liturġija tal-lum hi l-ħelsien mill-jasar. Fl-Evanġelju Ġesù ma jċedix għall-jasar tad-dnub billi jieqaf lix-Xitan fid-deżert, waqt li fit-Tieni Qari flimkien ma' Pawlu nagħrfu li huwa Kristu li jeħlisna u jsalvana. Fil-qari mid-Dewteronomju naqraw fuq l-istruzzjoni ta' ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr li l-Iżraeliti kellhom jagħmlu biex ifakkru l-ħelsien tagħhom mill-jasar fl-Eġittu. Dan hu l-ewwel pass ta' dan iż-żmien tar-Randan. Permezz ta' Kristu, aħna nixxenqu biex ninħelsu mill-jasar: kemm dak tad-dnub kif ukoll ta' sitwazzjonijiet oħra ta' jasar li huma frott id-dnub tagħna individwalment jew tal-komunità.

## Applikazzjonijiet

### It-tentazzjonijiet għan-Nisrani "ċittadin taż-żewġt ibliet"

- L-ewwel tentazzjoni: li nfittxu l-ewwel jew biss dak li jissodisfa l-aptiti fiżiċi jew il-bżonnijiet materjali tagħna. Il-faqar u l-bżonnijiet materjali tal-bniedem kienu importanti fil-missjoni ta' Ġesù imma kien jaf li dawn l-affarijiet ma jistgħu qatt jissodisfaw ix-xewqat l-aktar profondi tal-bniedem.
- It-tieni tentazzjoni: Li ninvolvu ruħna fil-politika u fil-ħajja pubblika għall-gwadann personali tagħna minflok biex inservu l-komunità u l-ġid komuni. Ġesù wkoll jesperjenza t-tentazzjoni li jkun Messija politiku u mhux il-Qaddej ta' Jahweh.
- It-tielet tentazzjoni: li nfixklu l-fidi tagħna mas-sinjali esterni, mal-folklor jew mat-tradizzjonijiet waqt li nfaqqruha mill-fidi vera u mill-fiduċja f'Alla. Ġesù ma jċedix għall-aspettattivi tan-nies ta' kif għandu jkun il-Messija u minflok jirrispondi bil-qawwa tal-Kelma ta' Alla.

### L-għażliet morali fil-ħajja ta' kulljum

Ix-Xitan qatt ma jidhrilna kif deher lil Ġesù: it-tentazzjonijiet li nesperjenzaw qatt mhuma daqshekk ċari bħall-iswed fuq l-abjad; bejn dak li hu ovvjament tajjeb u dak li hu ovvjamant ħażin. Ħafna drabi jkollna nagħmlu deċiżjonijiet fi sfumaturi differenti ta' griż, jiġifieri fejn hemm elementi kemm tal-iswed kif ukoll tal-abjad. Anki jekk nafu x'inhu t-tajjeb u l-ħażin, l-esperjenzi tal-ħajja huma kumplessi u għandna bżonn ċertu għerf prattiku biex inkunu nistgħu nirrispondu għalihom. Id-deċiżjonijiet li nagħmlu meta nivvutaw għal xi kandidat jew ieħor, u kemm nissapportjaw partit u l-agenda tagħhom, huma fost dawn l-għażliet li qatt ma jaqgħu f'pożizzjoni ċara.

Għalkemm l-Evanġelju tal-lum ma jagħtiniex risposti faċli, b'mod ċar ifakkarna li sikwit ngħaddu mit-tentazzjoni li ninsew l-identità tal-magħmudija tagħna, li nużaw ir-reliġjoni għall-finijiet tagħna, u li nkunu persuni ta' suċċess iktar milli persuni ta' fedeltà. Bħala Nsara m'aħniex imsejħin biex insegwu b'għajnejna magħluqin xi lista ta' regoli, imma li ngħixu l-fedeltà u b'impenn sħiħ dik is-sejħa li għamlilna l-Mulej.

### Gratitudni lejn Alla permezz ta'ekonomija ġusta

L-Iżraeliti joffru l-ewwel frott tal-ħidma tagħhom lill-Mulej. Dan il-frott kellu jingħata lil dawk li kienu l-aktar foqra fis-soċjetà: il-barranin, l-iltiema u r-romol (ara Dewt. 26:13). Ma jagħtux miż-żejjed lill-foqra imma ftit mill-aħjar frott li kellhom. Mela aħna u nservu lill-foqra, inservu lil Alla. Kif qed inħaddmu r-riżorsi tagħna: personali, familjari, parrokkjali, nazzjonali u Ewropej? Xi ħadd darba qal li budget hu dokument morali għax fih jikxfu b'mod ċar il-prioritajiet ta' familja, ta' knisja, ta' organizzazzjoni, ta' belt, jew ta' nazzjon. Budget juri x'inhu dak li l-aktar ngħożżu u kif dan jitqabbel ma' affarijiet oħra li ngħożżu. (Ara Jim Wallis, *God's Politics*, 2005, pġ. 241).

### Ħelsien mill-jasar

Iż-żmien li l-Iżraeliti għexu bħala lsiera fl-Eġittu nistgħu nqabbluh ma' dak li ngħixu aħna fuq din l-art. L-ewwel nett, aħna mjassrin bid-dnub tagħna u għandna bżonn l-imħabba feddejja ta' Ġesù biex ninħelsu. It-tieni nett, għad hawn ħafna persuni fostna li huma mjassra minħabba l-egoiżmu ta' ħaddieħor. Bħall-Iżraeliti, fostna hawn min hu sfruttat għaliex mhuwiex imħallas paga diċenti u oħrajn li huma vittmi ta' xi tip ta' abbuż. F'dawn l-aħħar 25 sena, 10% tal-popolazzjoni Bulgara ħalliet il-pajjiż biex issib opportunitajiet aħjar ta' xogħol, bil-konsegwenzi kollha li dan ikollu fuq dawn l-emigranti. Iċ-ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr li jagħmlu l-Iżraeliti timliena b'tama li bħalma huma nħellsu mill-jasar, hekk ukoll dan it-tip ta' jasar għad jintemm. Dan isir biss jekk nagħrfu r-responsabbiltà tagħna li niffavorixxu kontabbiltà fl-iżvilupp tas-suq Ewropew.

## Esperjenza

Jackson u Felix kienu arrestati fil-Baħar Mediterran ftit 'il bogħod mix-xtut tal-Libja u mixħutin f'ċentru ta' detenzjoni. Lejl minnhom, ġew xi nies li għattewlhom wiċċhom u ħarġuhom 'il barra. Semgħuhom jitkellmu fuq prezz, madwar €600 kull wieħed. Daqshekk riedu tagħhom. Ħaduhom ġo razzett u ġegħluhom jaħdmu l-għelieqi u jagħlfu l-annimali. Qatt ma tħallsu ta' xogħolhom. Kienu jgħixu f'kamra tal-plywood bl-għassa fuqhom lejl u nhar. Wara sitt xhur ħaduhom f'nofs id-deżert u telquhom hemm sakemm fl-aħħar sabhom xi ħadd u ħadhom għall-kenn ġewwa Tripli. (Aqra aktar: "Migrant slavery in Libya: Nigerians tell of being used as slaves," BBC World News Africa, 2 ta' Jannar 2018)

## Mit-Tradizzjoni Kattolika:

- "L-Insara għandhom kull wieħed pajjiżu, iżda jgħixu fih qisu mhux tagħhom; jaqsmu f'kollox ma' l-oħrajn, ta' ċittadini li huma, u jistabru b'kollox bħallikieku barranin; kull art barranija jqisuha pajjiżhom, u kull pajjiż hu għalihom art barranija. Huma jiżżewġu, bħall-bnedmin kollha, u jnisslu l-ulied, iżda t-trabi tagħhom ma jarmuhomx barra. Waħda u għal kulħadd flimkien hi l-mejda tagħhom, iżda mhux hekk is-sodda tagħhom. Huma nies tad-demm u l-laħam, iżda ma jintelqux għall-ġibdiet tad-demm u l-laħam. Ħajjithom hi fuq l-art, iżda belthom is-sema. Joqogħdu għall-liġijiet tal-pajjiż, iżda jgħixu ħajja li mhix milħuqa mil-liġi. Iħobbu lil kulħadd, u jsofru persekuzzjoni minn kulħadd." (L-ittra lil Dijognetu Kap. 5)
- "Fid-deżert, Ġesù jqis bħala tentazzjoni kull ħaġa li ma tħallihx ikun Qaddej ta' Jahweh. Ma jinteressahx poter politiku, jiċħad b'mod l-aktar qawwi kull tip ta' vjolenza. Is-salvazzjoni tikkonsisti fil-maħfra, fl-imħabba, fil-paċi li titrasforma r-realtà." (San Ġwanni Pawlu II lill-isqfijiet tal-Amerika ta' Isfel par. I.4, Puebla, 1979)
- "L-istqarrija tal-fidi ta' Iżrael tiżviluppa bħala rakkont tal-għemejjel kollha tjieba ta' Alla biex jeħles u jmexxi l-poplu (ara Dewt. 26, 5-11); hu rakkont li l-poplu jgħaddi minn nisel għal ieħor. Id-dawl ta' Alla jiddi għal Iżrael permezz tat-tifkira tal-għemejjel kbar tal-Mulej, imfakkra u mistqarra fil-kult, mgħoddija mill-ġenituri għal uliedhom. Hekk nitgħallmu li d-dawl li jiġi mill-fidi hu marbut

mar-rakkont konkret tal-ħajja, mat-tifkira grata tal-għemejjel kbar ta' Alla u mas-seħħ progressiv tal-wegħdiet tiegħu." (*Lumen Fidei* nru 12)

- "Is-silta mid-Dewtoronomju tfakkarna fl-azzjoni ta' Alla fl-istorja tal-bniedem: il-Mulej mhuwiex xi imperatur li ma jitħarrikx, imdawwar b'raġġiera ta' dawl u mitluq fis-smewwiet dhebija, imma jara t-tbatija tan-nies tal-Eġittu, jisma' l-biki tagħhom u jinżel biex isalvahom." (Udjenza Ġenerali ta' San Ġwanni Pawlu II par. 1, 9 ta' Frar 2000)
- "Il-ġid komuni qatt ma jista' jintlaħaq jekk aħna nċedu għat-tentazzjoni biex nippossiedu u nilħqu fuq ħaddieħor... Kristu fid-deżert jaffaċċja l-istess tentazzjoni biex jgħallimna nirbħuha bil-grazzja tiegħu." (Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika nru 175)

## IT-TIENI ĦADD TAR-RANDAN

### Tema

Meta l-futur jidher inċert, ninħatfu minn biża' u qtigħ il-qalb. Nibdew naraw ma' xiex niggranfaw biex ma nintilfux: inbiddlu il-prioritajiet tagħna, nitilfu l-valuri tagħna u naqtgħu għad-dritt. Mingħajr ma nkunu nafu, inkunu ta' theddida għad-drittijiet u għad-dinjità ta' ħaddieħor, l-aktar ta' dawk li huma vulnerabbli. Ġesù huwa t-tama tagħna anki f'mumenti ta' dlam.

I. Ġen 15:5-12. 17-18 – Alla jagħmel patt mal-qaddej ġust Abram
S. 26 (27) – Il-Mulej hu d-dawl u s-salvazzjoni tiegħi
II. Fil. 3, 17-4:1 – Kristu għad ibiddilna fis-sura tal-ġisem tiegħu
E. Lq. 9, 28-36 – Huwa u jitlob id-dehra ta' wiċċu tbiddlet

### Sintesi tal-Qari

Wara li Abram jiltaq "art missirijietu" u dak kollu li kien imdorri bih (Ġen. 12), fl-ewwel qari tal-lum naraw li l-wegħda li jagħmel miegħu l-Mulej għadha ma seħħitx. Abram jibda jiddubita, iħossu diżilluż u inċert mill-wegħda ta' Alla lejh. Tgħid Alla qarraq bih? San Pawl iħeġġeġ lill-Filippin biex iżommu sħiħ anki meta t-tama tibda tnin. It-trasfigurazzjoni ta' Ġesù sservi biex issaħħaħ qalb id-dixxiplili huma u jaffaċċjaw id-dubju u l-qtigħ il-qalb quddiem il-Misteru tas-Salib. Hija tfakkira ta' min hu Kristu u tal-ħidma li ġie jwettaq bħala l-milja tal-ġrajja tas-salvazzjoni.

### Applikazzjonijiet

#### Responsabbiltà u kontabbiltà lejn ġenerazzjonijiet futuri

Fil-qari tal-lum naraw li Alla jimmodifika l-wegħda tiegħu: mhijiex magħmula aktar lilu, imma issa hi magħmula "lil nisslu". Abram jagħraf li l-ġenerezzjonijiet ta' warajh jiddependu mill-fedeltà tiegħu lejn Alla llum. Nesprimu l-fiduċja tagħna f'Alla meta minflok ma naħtfu kemm nistgħu "għax għada għadu ħadd ma rah," nużaw ir-riżorsi tagħna b'mod għaqli u sostenibbli. Aħna u nagħmlu hekk, inkunu qed nagħrfu li l-ġenerazzjonijiet ta' warajna wkoll jiddependu minn din il-fedeltà tagħna lejn Alla. Meta ma nibżgħux għall-ambjent u meta nieħdu deċiżjonijiet li mhumiex sostenibbli, inkunu qed ngħaddu messaġġ li lil Alla m'aħniex nafdawh u li ma jinteressaniex mill-ġid tal-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Dan nistgħu narawh illum f'kumpaniji multinazzjonali li qegħdin jintervjenu fuq livelli għolja ta' politika biex ikollhom aċċess għal, u jisfruttaw aktar, riżorsi naturali għas-skapitu ta' kumpaniji jew nazzjonijiet żgħar. Jeħtieġ li nkunu aktar sensittivi f'dan ir-rigward u li niffavorixxu liġijiet u policies li jħarsu d-drittijiet umani mingħajr eċċezzjoni. (Aqra aktar: Sylvanus Kwaku Afesorgbor, "Globalization may actually be better for the environment", 24 ta' April 2018)

#### Insara ċittadini tas-sema

Fl-ittra lill-Filippin, Pawlu juża l-istess lingwaġġ tagħhom biex ifakkarhom f'verità importanti. Pawlu jgħid lill-Insara ta' Filippi li għalkemm huma nies patrijottiċi, ma setgħux jinsew li huma wkoll kolonja Rumana. Jgħidilhom li bħalma huma qatt ma nsew li huma wkoll ċittadini Rumani, hekk ukoll bħala Nsara qatt ma għandhom jinsew li huma ċittadini tas-sema. L-imġiba tagħhom għandha tirrifletti din ir-realtà. Diskors fuq patrijottiżmu xi drabi jiġi użat biex inissel biża' minn min hu barrani jew differenti. Bħala Nsara għandna ngħarfu li aħna lkoll "pajżana tas-sema" u l-attitudni tagħna ma' xulxin għandha tkun xhieda ta' dan.

Ġesù t-tama tad-dinja

Meta Ġesù ħa t-tliet dixxipli miegħu fuq il-muntanja u nbidel quddiemhom aktarx kien billejl. Anki fl-iljieli twal u mudlama, mimlijin dubju u qtigħ il-qalb, Ġesù kapaċi jagħtina togħma tar-rebħa tiegħu fuq il-mewt jekk kemm-il darba għandna s-sabar nibqgħu miegħu f'dawn il-mumenti. Madanakollu, Ġesù jfakkar ukoll lil Xmun Pietru li ma jistgħux jibqgħu maqtugħin mill-bqija tad-dinja. Hemm isfel fil-wied hemm il-bqija tal-umanità li qed tistenna s-salvazzjoni. Il-qima tagħna hi marbuta b'mod intimu mal-qadi fid-dinja.

## Esperjenza

*"Imma l-allat tal-poter u tal-flus*
*Jopponu t-Trasfigurazzjoni.*
*U allura int, Mulej, l-ewwel wieħed,*
*Biex tgħolli driegħek kontra l-oppressjoni."*[7]

Meta l-Arċisqof San Oscar Romero kanta dawn il-versi fil-katidral ta' El Salvador fit-23 ta' Marzu 1980, versi li kien talab lill-ħabib tiegħu Guillermo Cuellar biex jiktiblu għal-festa tat-Trasfigurazzjoni, kien jaf sew li dak kien pass ieħor lejn il-kundanna tiegħu mill-oppressuri. Romero jlaqqa' lill-komunità tiegħu ma' Kristu trasfigurat biex huma wkoll ikunu trasfigurati: li ċ-ċkejknin ma jaqtgħux qalbhom u jpoġġu t-tama tagħhom kollha fil-Mulej, u li dawk li qed iħaddmu s-setgħa tagħhom ħażin jiltaqgħu ma' Kristu u jikkonvertu.

## Mit-Tradizzjoni Kattolika:

- "Din il-kelma ... fiha wegħda: in-nisel tiegħek jitkattar, int sa tkun missier ta' poplu kbir (ara Ġen. 13:16; 15:5; 22:17). Huwa minnu li, bħala tweġiba għal Kelma li ġiet qabel, il-fidi ta' Abram se tkun dejjem att ta' tifkira. B'danakollu din it-tifkira, li ma tħarisx lejn l-imgħoddi għax hi tifkira ta' wegħda, issir kapaċi tiftaħ lejn il-ġejjieni, li ddawwal il-mixja tul it-triq. Hekk naraw kif il-fidi, bħala tifkira tal-ġejjieni, *memoria futuri*, hi marbuta sfiq mat-tama." (*Lumen Fidei* nru 9)
- "Fil-wegħda li Alla jagħmel ma' Abram naraw iċ-ċertezza li l-ħajja li l-ġenituri jitrasmettu għandha l-oriġini tagħha f'Alla. Naraw dan fil-ħafna passaġġi bibliċi li b'rispett u mħabba jitkellmu fuq il-konċepiment, l-iffurmar tal-ħajja fil-ġuf tal-omm, it-twelid u r-rabta intima bejn l-ewwel mument tal-ħajja u l-azzjoni ta' Alla l-Ħallieq." (*Evangelium Vitae* nru 44)
- "It-teoloġija tar-trasfigurazzjoni tgħidilna li t-triq lejn ir-redenzjoni tgħaddi mis-salib u mill-kalvarju, imma l-iskop tal-Insara tmur lil hinn mill-istorja. Mhux li naljenaw ruħna mill-istorja, imma li nagħtuha aktar sinifikat, sinifikat aktar definittiv. Minn dakinhar tal-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet, baqgħet fl-istess storja taż-żmien fjamma li ma tintemx." (Omelija ta' San Oscar Romero: *Ir-Randan, it-Trasfigurazzjoni Tagħna fi Kristu*, pġ. 7)
- "Ħuti għeżież, il-Knisja taf li hi l-musbieħ ta' Alla, dawl meħud mill-wiċċ jiddi ta' Kristu biex jixgħel ħajjiet umani, il-ħajjiet tan-nies, il-kumplikazzjonijiet u l-problemi li l-persuni joħolqu fl-istorja tagħhom. Il-Knisja tħossha obbligata li titkellem, li ddawwal bħal musbieħ f'lejl mudlam. Il-Knisja tħossha msejħa biex tixgħel id-dlam." (San Oscar Romero, 6 ta' Awwissu 1978)
- *Gloria Dei, vivens pauper* (Il-Glorja ta' Alla hi l-persuna fqira ħajja) - Frażi ta' Oscar Romero.

[7] Versi ta' Guillermo Cuellar. Ara Margaret R. Pfeil, "Oscar Romero's Theology of Transfiguration." *Theological Studies* 72, no. 1 (2011): 87-115.

# IT-TIELET ĦADD TAR-RANDAN

## Tema

Ir-realtà tat-tbatija hija preżenti ħafna f'moħħna u madwarna. Kif nirrispondu għaliha jiddetermina x'tip ta' Nsara rridu nkunu. Quddiem din ir-realtà rridu nagħrfu r-rabta qawwija li hemm bejn il-bżonn ta' ndiema sinċiera, konverżjoni sħiħa, bidla tal-qalb li tissarraf b'mod konkret fl-impenn tagħna biex nindirizzaw sitwazzjonijiet ta' tbatija.

I. Eż. 3, 1-8a.13-15 JIEN-HU bagħatni għandkom
S. 102 (103) Ħanin u twajjeb il-Mulej
II. 1 Kor. 10, 1-6.10-12 Il-ħajja tal-poplu ma' Mosè fid-deżert inkitbet bi twissija għalina
E. Lq. 13, 1-9 Jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu xorta waħda

## Sintesi tal-Qari

Is-sejħa għall-konverżjoni hija waħda mit-temi ewlenin ta' dan il-qari. Ġesù jitlob minna bidla tal-qalb, b'urġenza imma dejjem mimli ħniena. Mosè, bi tbatija kbira, jilqa' s-sejħa ta' Alla biex jeħles lill-Iżraeliti mill-jasar fl-Eġittu, waqt li San Pawl ifakkarna li ma hemm ħadd li huwa meħlus għalkollox mit-tentazzjoni jew mid-dnub. Irridu nkunu dejjem attenti u dejjem lesti li nissieltu kontra dak li jbegħdna minn Alla.

## Applikazzjoni

### Il-ħelsien sħiħ jiġi mill-fatt li Alla jgħarrafna l-identità tagħna bħala wliedu

Il-ħelsien tal-Iżraeliti mill-jasar fl-Eġittu hu marbut ħaġa waħda mal-identità ta' Jahweh. Ninnutaw li Alla mhux biss jirrevela lilu nnifsu bħala Jaħweh, iżda wkoll f'termini familjari mal-poplu tiegħu (Alla ta' Missirijietkom). Għalhekk il-ħidma ta' Jahweh mhijiex dik politika imma hi dik tal-imħabba tħeġġeġ ta' ġenitur li jrid jara li wliedu jkollhom l-unur u ħajja tajba (well-being) ta' werrieta li huma. Għalhekk, ir-realtà politika tal-Eżodu, hi mogħtija intensità familjari. Min-naħa l-oħra, l-interess tal-faragħun hi li jagħti l-kuruna tas-saltna lil ibnu minn fuq dahar l-Iżraeliti. Aħna mistednin nagħrfu li ma nistgħux inkomplu nrekknu għalina u għal min hu minn tagħna. Irridu nirrealizzaw li niffurmaw parti minn familja akbar, li għandna missier wieħed u li aħna lkoll aħwa. Għalhekk għandna wkoll ċerti responsabbiltajiet lejn xulxin fil-mod kif nużaw ir-riżorsi tagħna, biex dawk ħutna li għadhom imjassra jiksbu l-ħelsien. Mhux biżżejjed, pereżempju, il-karità ma' istituzzjonijiet għall-persuni b'diżabilità jekk ma nbiddlux ukoll il-kultura u l-aċċessibbiltà tal-bini tagħna biex ikunu tassew milqugħa fil-qalba tas-soċjetà tagħna.

### Ġesù jirresponsabilizzana bħala ċittadini

Fl-Evanġelju n-nies jippreżentaw lil Ġesù b'opportunità biex jikkritika lill-awtoritajiet Rumani. Imma hu ma jeħlishomx mir-responsabbiltà tagħhom, u minflok jerġa' jitfa' l-ballun f'riġlejhom: kif qed jerfgħu ir-responsabbiltà tagħhom huma? Ġesù jieħu l-opportunità biex jistedinhom għall-konverżjoni tal-qalb: "Jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu". Ir-responsabbiltà tal-ħajja pubblika tagħna ma tiddependix biss mill-awtoritajiet imma anki minn kemm nieħdu bis-serjetà l-impenn tagħna għall-ġid komuni. Bil-mod kif illum id-dinja hi connected f'xibka waħda, aħna għandna responsabbilità fit-tbatija anki tal-popli mbiegħda għax għandna dmir naqbżu għad-dinjità ta' ħutna quddiem dawk li għandhom l-awtorità. Jekk dan nagħmluh għalina u għal min nafu, kemm hu aktar dmir in-Nisrani li jagħmlu għal min qed issir inġustizzja kontrih?

### Id-dnub u r-realtà tat-tbatija

L-ewwel parti tal-Evanġelju tistedinna nirriflettu fuq ir-rabta bejn id-dnub u t-tbatija. Tajjeb inkunu ċari fuq il-fatt li Alla qatt ma jikkastigana tad-dnub tagħna billi jitfa' fuqna t-tbatija. Madanakollu, huwa minnu li d-dnub tagħna sikwit jwassal għat-tbatija fil-ħajja tagħna u ta' ħaddieħor. Fi kliem ieħor, traġedji f'ħajjitna, bħad-diżgrazzji naturali (t-torri ta' Silwam) jew il-mard terminali mhumiex kastig ta' Alla. Imma jekk, min-naħa l-oħra, qiegħed jiżdied il-mard kroniku tal-pulmun minħabba n-nuqqas ta' attenzjoni tagħna u n-nuqqas ta' rinfurzar ta' liġijiet, mela l-egoiżmu tagħna qiegħed iwassal għat-tbatija ta' ħafna nies. Quddiem ċerti dnubiet li jwasslu għat-tbatija ta' ħaddieħor, il-ħniena u l-mogħdrija ta' Alla, kbira kemm hi kbira, tiddependi minn kemm aħna lesti nbiddlu sitwazzjonijiet li għandna kontroll fuqhom. Huwa għalhekk li s-sejħa għall-konverżjoni hi tant urġenti. (Ara aktar: Philip Leone Ganado, "*Deaths due to air pollution increase*," *The Times of Malta*, 8 ta' Novembru 2018)

## Esperjenza

Delja, sidt ta' bar fit-Tramuntana tal-Italja, tliet snin ilu rat xi nisa u tfal immigranti bilqiegħda fuq il-bankina. Tathom kenn u xi ħaġa tal-ikel. Illum isejħulha 'Mamma Africa' għax kulħadd imur għandha għall-għajnuna, u l-bar tagħha sar xempju ta' solidarjetà ma' dawk fil-bżonn. (Ara aktar: L'Osservatore Romano, "*Mamma Africa*," 7 ta' Marzu 2018)

## Mit-Tradizzjoni Kattolika

- "Id-djalogu bejn sid l-għalqa u l-bidwi juri li fuq naħa hemm il-ħniena ta' Alla li hu paċenzjuz u jħalli lil kulħadd iż-żmien biex nikkonvertu, waqt li fuq in-naħa l-oħra hemm il-bżonn li nibdew inbiddlu l-ħajja interjuri u esterjuri tagħna biex ma nitilfux l-opportunitajiet li l-ħniena ta' Alla tagħtina biex nirbħu fuq l-għażż spritwali tagħna u nirrispondu għall-imħabba ta' Alla bl-imħabba ta' wliedu." (Papa Benedittu XVI, Żjara Pastorali lill-Parroċċa ta' San Ġwann tas-Salib, Ruma, 7 ta' Marzu 2010)
- "Il-fidi soda tal-poplu Malti għamlet mezz li din il-gżira tkun l-art fertili li fuqha jitkellem l-Evanġelju. F'din l-art, il-Beatu Ġorġ Preca żera' s-Soċjetà tat-Tagħlim Nisrani, fejn iffjorixxiet fil-mitt sena ta' ħajjitha. B'differenza mit-tina tal-istorja tal-Evanġelju ... intom ipproduċejtu frott bl-abbundanza u ta' dan nagħtu glorja lil Alla u nroddulu ħajr illum. Dun Ġorġ mhux biss żera' ż-żerriegħa, imma dakkarha u tama' x-xitla biex tkun tista' tikber b'saħħitha u tagħti l-frott, kif fil-fatt għamiltu. Intom iffjorixxejtu għax għandkom għeruq li jinżlu fil-fond fi Kristu, u għax kontu indukkrati sew mill-ħajja qaddisa ta' Dun Ġorġ Preca." (San Ġwanni Pawlu II, Laqgħa mal-Membru tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija nru 2, il-Blata l-Bajda, 9 ta' Mejju 2001).
- Nitolbu għall-"mexxejja nazzjonali sabiex jikkommettu ruħhom b'mod sħiħ biex itemmu l-kummerċ tal-armi li jivvittimizza tant persuni". (Papa Franġisku, Intenzjoni għax-xahar ta' Ġunju 2017).
- "Illum m'għadx nistgħu ngħixu biss fil-qoxra komda tal-bitħa tagħna. Jew niżolaw ruħna wara l-ħitan tas-sejjieħ ... Għax issa l-problemi huma tant magħqudin flimkien li anki l-Apertheid tal-Afrika ta' Isfel għandha impatt fuq il-kwalità ta' ħajja saħansitra fl-Alaska ... It-taqbid tal-ġnus imbiegħda huma t-taqbid tan-nies ta' beltna, anzi tal-familja tagħna. Il-ħamsin miljun ruħ li jmutu bil-ġuħ kull sena lilek isejħu. Id-dejn enormi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw jaffettwaw ukoll il-kont fl-ibwiet tiegħek ... Dawn ir-realtajiet ma jistgħux iħalluk indifferenti anki jekk iseħħu 'l bogħod mill-kamra tiegħek." (Don Tonino Bello, "*Il Cielo in una stanza*")

# IR-RABA' ĦADD TAR-RANDAN

## Tema

Dan il-Ħadd hu tradizzjonalment marbut mal-ferħ (*laetare*), u li nistgħu norbtuh mall-fatt li l-Għid għandu jkun għalina tmiem ta' ħajja tal-imgħoddi u bidu ta' ħajja ġdida li ġabilna Kristu. Dan għandu jkollu riperkussjonijiet mhux biss fuqna bħala individwi imma wkoll bħala komunità ta' bnedmin. Din il-ħajja ġdida għandha tissarraf fil-ħajja spiritwali tagħna kif ukoll fil-ħajja konkreta u tanġibbli, l-aktar billi l-virtù tal-karità tirbaħ fuq il-mibgħeda u l-vjolenza.

I. Ġoż. 5: 9a.10-12 – Il-Poplu ta' Alla jidħol fl-art imwiegħda u jiċċelebra l-Għid
S. 33 (34) – Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej
II. 2 Kor. 5, 17-21 – Alla ħabbibna miegħu innifsu permezz ta' Kristu
E. Lq. 15:1-3.11-32 – Dan ħuk kien mejjet u reġa' qam

## Sintesi tal-qari

Fl-ewwel qari naraw referenza qawwija għal tmiem ta' żmien li minnu l-Iżraeliti jridu jinqatgħu (neħħejtilkom l-għajb i.e. simbolizzat fiċ-ċirkunċiżjoni) u bidu ta' żmien ġdid fejn josservaw il-fedeltà tagħhom lejn Alla. Ma jiklux aktar l-ikel marbut mal-eżodu fid-deżert imma l-ikel marbut tal-art imwiegħda. Dan joħroġ ċar ukoll fit-tieni qari: bidu ġdid u rikonċiliazzjoni b'enfasi fuq ir-rwol ċentrali ta' Kristu minħabba l-mewt tiegħu fuq is-salib. It-temi tal-ewwel u t-tieni qari (bidu ġdid u l-imħabba feddejja ta' Kristu) jsibu eku fil-parabbola tal-Iben il-Ħali.

## Applikazzjoni

### Bidu ġdid imfisser f'għaqda ġdida bejn il-ġnus

Il-bidu ġdid li jgħixu l-Iżraeliti fl-ewwel qari jistedinna nirriflettu fuq bidu ġdid fir-relazzjoni tagħna ma' xulxin, kemm fuq livell personali, kif ukoll fuq livell aktar wiesgħa. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Għid kienet tinvolvi l-qsim tal-ħobż ażmu li jfakkarna fil-ħobż ewkaristiku li naqsmu flimkien. Ma jagħmilx sens li naqsmu dan il-ħobż jekk m'aħniex f'xirka bejnietna. Fi kliem ieħor, jekk naqsmu fl-Ewkaristija li hi s-sinjal ta' għaqda, mela rridu wkoll inkunu strumenti tal-istess għaqda. Dan għandu jkun rifless ukoll fil-policies nazzjonali, Ewropej u internazzjonali.

### L-iskandlu tas-salib

Kif iwissina San Pawl u kif naraw fil-parabbola tal-Iben il-Ħali, huwa l-iskandu tal-imħabba ta' Alla fuq is-salib li jagħmilna ħolqien ġdid. Biex nużaw termini umani, Alla "joħroġ minn triqtu" biex jerġa' jagħmilna ħolqien ġdid. Meta l-iben iż-żgħir jinduna bl-iżball u jmur lura d-dar biex jibda mill-ġdid, missieru jagħmel tajjeb għalih billi joħroġ hu stess jilqgħu jbusu, ilibbsu mill-ġdid u joqtollu l-għoġol l-imsemmen. Fuq livell nazzjonali, ħafna drabi nħallu piki fuq festi, partiti politiċi eċċ. jiżirgħu il-firda. Imma anke fuq livell Ewropew. Mod kif jista' jingħex l-iskandlu tas-salib illum hu bi sforzi aktar impenjati min-naħa tal-Unjoni Ewropea li minflok tkompli tkabbar l-ekonomija permezz tal-esportazzjoni tal-armi f'pajjiżi fejn hemm il-kunflitt, tippromwovi b'mod attiv u adegwat regolamenti li jħarsu l-ġustizzja. L-Unjoni Ewropea hija t-tieni l-akbar esportatur tal-armi fid-dinja u dan il-persentaġġ qiegħed kulma jmur jiżdied. L-Unjoni Ewropea għandha tinvesti aktar f'li tħares il-paċi, tippromwovi d-drittijiet umani, id-demokrazija u s-saltna tad-dritt fil-pajjiżi li qed jixtru dawn l-armi. Minflok tkabbir ekonomiku minn fuq dahar popli sħaħ mifnija bi gwerrer l-Unjoni Ewropea għandha tinvesti f'aktar sforzi diplomatiċi sabiex jitlaħaq ftehim ta' paċi.

## Esperjenza

Jiena jismni Anni, mara miżżewġa u għandi tifel wieħed. Ngħix f'Sanna, il-belt kapitali tal-Jemen u ilna nġarrbu l-gwerra kuljum għal dawn l-aħħar tliet snin. Ma tgħaddix ġurnata li ma tismax b'xi ħadd li jiġi minnek li ma mietx fil-gwerra. F'dar qrib fejn noqgħod, kuljum iġibu l-iġsma ta' nies mir-raħal tagħna li mietu fil-gwerra. Jien stess ġieli ħadt ħsieb li naħsel dawn l-iġsma qabel ma jindifnu ... Il-politikanti għandhom jisimgħu l-leħen ta' mara għax uliedhom u l-irġiel tagħhom qed jiġu maqtula, u din il-ħaġa hi kiefra wisq. Għalhekk iddeċidejt li nibda programm ta' edukazzjoni fil-Jemen u naqdi tfal minn familji taż-żewġ naħat opposti. Mhux se nistenna li tispiċċa l-gwerra biex nagħmel dan. (Ara aktar: Stephen Snyder "Listen to Yemenis describe how they're getting through the war," 26 ta' Marzu 2017)

## Mit-Tradizzjoni Kattolika

- Il-Knisja "tkun qiegħda tonqos minn aspett essenzjali tan-natura tagħha u tonqos minn funzjoni indispensabbli jekk 'il-messaġġ tar-rikonċiljazzjoni' (2 Kor. 5:19) mhuwiex imħabbar b'mod ċar u qawwi, fi żmienu u barra minn żmienu u jekk id-don tal-maħfra mhux offrut lid-dinja. Għal dan il-għan, xi frażijiet teoretiċi mhumiex biżżejjed. Jeħtieġ ukoll funzjonijiet ministerjali għas-servizz tal-maħfra u r-rikonċiljazzjoni". (San Ġwanni Pawlu II lill-Isqfijiet tal-Portugall par. 4, 30 Novembru 1999)
- "Id-deskrizzjoni profonda tal-ħniena ta' Alla u x-xewqa għall-konverżjoni u r-rikonċiljazzjoni kif ukoll l-għaqda mill-ġdid wara kull relazzjoni mkissra tkellem lil kull raġel u mara ta' kull żmien. Il-bnedmin sikwit huma ttentati jeżerċitaw il-ħelsien tagħhom billi jitbiegħdu minn Alla. L-esperjenza tal-Iben il-Ħali tgħinna nindunaw li, kemm fl-istorja kif ukoll f'ħajjitna, meta nfittxu l-libertà barra minn Alla, ir-riżultat hu negattiv: telfien tad-dinjità, konfużjoni morali u diżintegrazzjoni soċjali. Imma l-imħabba tal-Missier tirbaħ fuq is-suppervja tal-bnedmin ... Fejn Alla hu eskluż mill-forum pubbliku, is-sens ta' offiża kontra Alla—is-sens veru tad-dnub—jintilef, kif ukoll il-valur assolut ta' normi li huma relattivizzati, il-kategoriji tat-tajjeb u l-ħażin jispiċċaw flimkien mar-responsabbiltà personali." (Papa Benedittu XVI lill-isqfijiet tal-Kanada, 9 ta' Ottubru 2006)

## IL-ĦAMES ĦADD TAR-RANDAN

### Tema

Ir-Randan hu żmien fejn nagħrblu lilna nfusna; żmien li matulu naraw fejn ninsabu fil-mixja spiritwali tagħna u fejn irridu nikbru fil-ħajja personali tagħna. X'tip ta' persuna jien illum? X'tip ta' persuna rrid insir? X'tip ta' soċjetà għandna llum? X'tip ta' soċjetà aħna msejħin biex nibnu?

I. Iż. 43, 16-21 – Sejjer nagħmel xi ħaġa ġdida biex nisqi l-poplu tiegħi
S. 125 (126) – Kbir f'għemilu l-Mulej magħna
II. Fil. 3, 8-14 – Minħabba fi Kristu ridt li nitlef kollox
E. Ġw. 8, 1-11 – Min fostkom hu bla dnub jitfa' hu l-ewwel ġebla

### Sintesi tal-Qari

Fl-ewwel qari l-profeta Iżaija jiddeskrivi bi xbiehat qawwija t-twettiq tal-wegħda ta' Alla lill-poplu tiegħu li bħalissa jinsab eżiljat. Ġesù jeħles mid-dnub u mix-xibka qarrieqa tal-kittieba u tal-Fariżej lill-mara li nqabdet f'adulterju. Fit-tieni qari San Pawl jagħraf li ma jistax ikun hemm ħelsien veru (ġustizzja) mingħajr ħelsien mid-dnub (ġustifikazzjoni). Il-"ġustizzja ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi" u tiżboq dik tagħna li hija mibnija fuq il-liġijiet.

### Applikazzjoni

#### Ġesù jpoġġi l-persuna fiċ-ċentru

Għal darb'oħra naraw lil Ġesù mqiegħed f'pożizzjoni skomda mill-kittieba u l-Fariżej. Jekk jgħidilhom biex jeħilsu lill-mara, ikun qiegħed jikser il-liġi ta' Mosè. Jekk jobdi l-liġi ta' Mosè u jħaġġar il-mara li nqabdet f'adulterju, ikun f'kunflitt mal-awtoritajiet Rumani, li huma biss setgħu jiddeċiedu fuq il-piena tal-mewt. Ġesù m'għandu l-ebda ħajra li jidħol f'dawn il-kwistjonijiet superfiċjali (jikteb fit-trab). Huwa jindirizza din is-sitwazzjoni billi jpoġġi fiċ-ċentru tad-dixxerniment tiegħu mhux kif se jevita li jiċċappas bil-liġi, imma billi jpoġġi lill-persuna fil-qalba tad-dixxerniment tiegħu. L-iskop ta' Ġesù mhuwiex li jġib eżempju biha jew li jikkundanaha sempliċiment biex jifred il-ħżiena mit-tajbin u joħloq soċjetà ta' 'perfetti'. Lanqas ma jiskużaha bi ħniena falza, imma minflok jagħtiha ħelsien veru u setgħa: "Mur u tidnibx aktar". (Ara aktar: Sarah Carabott, "*Caritas warns of 'wounds' inflicted on Maltese society*," *The Times of Malta*, 10 ta' Novembru 2018.)

#### Jistieden lil kulħadd jagħrbel il-kuxjenza tiegħu

L-ewwel ħaġa li Ġesù jagħmel hi li jġiegħel lil dawk ta' madwaru biex jagħrblu sew il-kuxjenza tagħhom. Huma stess jagħrfu kif huma wkoll għandhom sehem mid-dnub ta' din il-mara. Min hu vulnerabbli spiss jispiċċa f'sitwazzjonijiet kundannabbli mhux għaliex ikun irid imma għax l-istess kultura li aħna lkoll qed nibnu timmina d-dinjità ta' dawn il-persuni. Il-mod kif nużaw il-midja, x'tipi ta' stabbilimenti ta' divertiment ninvestu fihom bħala pajjiż, u sistemi ekonomiċi inġusti, jikkontribwixxu għal kultura li toħloq 'vittmi moħbija' bħalma kienet din il-mara. Il-ħtija ta' kull wieħed u waħda minna li nikkontribwixxu lejn din il-kultura mhi xejn inqas minn dik ta' dawn il-persuni li d-dinjità tagħhom qed tkun ikkalpestata. (Ara aktar hawn: Sarah Carabott, "'The choice is only in the hands of those paying for sex'," *Times of Malta,* 24 ta' Settembru 2018, Brandon Pisani, "Il-Gvern u Dar Hosea bi programm biex jgħinu persuni li nqabdu fiċ-ċirku tal-prostituzzjoni, il-President u l-PN jilqgħu l-aħbar," TVM News, 13 ta' Ottubru 2018.)

#### Il-Misteru tal-Għid jiftaħna għal possibilitajiet ġodda

Din id-dinamika ta' ħelsien u ta' ħajja ġdida hi espressa fl-ewwel qari permezz ta' xbiehat qawwija: "niftaħ triq," "mogħdija fl-ilmijiet," "triq fix-xagħri," u "ilma fix-xagħri." Dawn ix-xbiehat huma

marbuta mal-ħajja ġdida li tibda fuq din l-art minn issa stess u li tilħaq il-milja tagħha fil-ħajja ta' dejjem. Għalhekk, Iżaija jagħti tama ġdida lil dawk li d-dinjità tagħhom hi mkasbra u li f'għajnejn il-Mulej huma rispettati u persuni għeżież. Fosthom nistgħu nsemmu lil dawk li minħabba ċertu fatturi kontinġenti bħall-klassi soċjali, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali, jew anke l-kulur politiku, igawdu inqas opportunitajiet minn ħaddieħor. Il-wegħda ta' ħelsien li jagħmel Alla tibda sseħħ fostna meta nieħdu passi biex jintemmu dawn id-differenzi ta' bejnietna.

## Esperjenza

Jisimni Marcel Uwineza u llum jien saċerdot Ġiżwita. Erbgħa u għoxrin sena ilu, meta kelli erbatax-il sena, fil-pajjiż tiegħi, lir-Rwanda, seħħ ġenoċidju. Nofs il-pajjiż dar kontra n-nofs l-ieħor minħabba tilwim fuq razez u klassijiet soċjali. F'temp ta' mitt jum inqatlu 'l fuq minn 800,000 persuna tar-razza tiegħi. Fosthom inqatlu missieri u tnejn minn ħuti. Jien, ommi u oħti ħrabna. Meta għadda kollox u erġajt lura fil-villaġġ tiegħi nipprova naqbad art ta' dak li kien baqa', ġie raġel fuqi u nxteħet għarkupptejh jibki. "Marcel," qalli, "Kont jien li qtilt lil qrabatek. Weħilt il-ħabs u issa qiegħed hawn. Jekk hemm post għalija fil-qalb tiegħek, nitolbok taħfirli". Dak il-ħin għannaqtu miegħi u wara ħafna snin ħassejtni bniedem meħlus. Il-maħfra tiġi minn Kristu u ġġib ħelsien sħiħ. (Ara aktar: Luke Heineman, "*Rev. Marcel Uwineza preaches forgiveness in the face of evil at Agape Latte*," 25 ta' April 2017)

## Mit-Tradizzjoni Kattolika

- "Sitwazzjonijiet ta' sfidi materjali u morali qatt mhuma neqsin, sitwazzjonijiet li jitolbu minnkom, għeżież ħbieb, impenn kostanti ta' xhieda li l-imħabba ta' Alla, murija b'bod sħiħ fi Kristu Msallab u Rxoxt, tħaddan lil kulħadd mingħajr distinzjoni ta' razza u kultura. Din hija l-missjoni ta' kull parroċċa, imsejħa biex tħabbar l-Evanġelju u biex tkun post ta' attenzzjoni u smigħ, formazzjoni u qsim fratern, djalogu u maħfra ... Il-pellegrinaġġ ta' din id-dinja hu mimli diffikultajiet u sfidi, kif kien dak fid-deżert tal-poplu magħżul qabel ma waslu fl-Art Imwiegħda. Imma Iżaija jassigurana li l-intervent divin, jista' jagħmlu faċli, jitrasforma x-xagħri f'għelieqi ħodor ifuru bl-ilma." (Papa Benedittu XVI, Żjara lill-Parroċċa ta' Santa Feliċita u Wliedha, Ruma, 25 ta' Marzu 2007)
- "Beatu Ivan Merz (1896-1928), żagħżugħ mogħni b'talenti, għamel tajjeb għall-kapaċitajiet naturali u kiseb suċċess uman: fil-fatt kellu ħajja mimlija suċċess. Imma dak mhuwiex ir-raġuni għaliex illum hu meqjus beatu. Dak li jagħmlu beatu hu s-suċċess f'għajnejn ta' Alla. L-ispirazzjoni tal-ħajja tiegħu kienet 'tinsa qatt lil Alla, ixtieq dejjem li tkun ħaġa waħda miegħu'. F'dak kollu li għamel, Ivan Merz fittex 'il-qligħ kbir li hemm f'li għaraf lil Kristu Ġesù u li Kristu jagħmlu tiegħu' (cf. Fil 3, 8-12)." (San Ġwanni Pawlu II, Vjaġġ Appostoliku fil-Bożnija-Ħerzegovina nru 4, 22 ta' Ġunju 2003)
- "Il-kumment ta' Santu Wistin hu konċiż u effettiv: "*relicti sunt duo: misera et Misericordia*, il-mara msejkna u l-Ħniena Divina". Ejjew nieqfu ftit, għeżież ħuti, biex nikkontemplaw din ix-xena fejn l-umanità msejkna u l-Ħniena Divina jiġu wiċċ imb wiċċ." (Papa Benedittu XVI, Żjara lill-parroċċa ta' Santa Feliċita u Wliedha, Ruma, 25 ta' Marzu 2007)
- "Jista' xi ħadd jikkunsidra lilu nnifsu meħlus mill-vjolenza li tixtered bħal mard? F'dan ir-rigward, il-kliem ta' Ġesù 'min hu bla dnub jitfa' hu l-ewwel ġebla,' jidwu f'qalb in-nies ta' dawk kollha kkonċernati b'mod dirett u jwasslu għall-eżami tal-kuxjenza u riżoluzzjoni, fi kliem ieħor, 'purifikazzjoni tal-memorja'." (San Ġwanni Pawlu II, lill-Amministraturi Appostoliċi ta' Dìli u Bacau nru 2, 28 ta' Ottubru 2002)

## Ir-rispett għad-dinjità u d-drittijiet ta' kull bniedem li huma mhedda minħabba prattiċi ekonomiċi inġusti.

Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem ifisser rispett għad-drittijiet li joħorġu mid-dinjità tiegħu. Meta nitkellmu fuq drittijiet fundamentali, dawn iridu jitqiesu qabel kull realtà ekonomika jew soċjali: "Il-kuxjenza tad-dinjità għolja li tistħoqq lill-persuna umana … tisboq il-ħwejjeġ kollha, u … l-jeddijiet u d-dmirijiet tagħha huma universali u invjolabbli. Jeħtieġ għalhekk li l-bniedem ikun jista' jilħaq dawk il-ħwejjeġ kollha li jeħtieġu biex wieħed jgħix ħajja tassew ta' bniedem".[8] Hekk il-Knisja teżortana nkunu attenti għal "dak kollu li hu kontra l-istess ħajja, bħal kull xorta ta' qtil ta' bniedem, il-ġenoċidju, l-abort, l-ewtanasja, l-istess suwiċidju volontarju ... dak kollu li joffendi d-dinjità tal-bniedem bħalma huma l-kundizzjonijiet ta' ħajja li ma jixirqux lill-ħajja tal-bniedem, il-ħabs bla raġuni, id-deportazzjonijiet, il-jasar, il-prostituzzjoni, il-bejgħ ta' nisa u ta' tfal; jew kundizzjonijiet ta' xogħol mill-agħar, kundizzjonijiet li fihom il-ħaddiema jiġu meqjusa biss bħala strumenti għall-qligħ tal-flus u mhux bħala persuni ħielsa u responsabbli: dawn huma kollha affarijiet tal-mistħija u waqt li jħassru ċ-ċiviltà tal-bniedem, iħammġu lil dawk li jġibu ruħhom b'dan il-mod, wisq aktar minn dawk li jġarrbuhom, u joffendu ħafna l-ġieħ tal-Ħallieq[9]".[10]

It-tagħlim tal-Knisja f'dan ir-rigward "jinżel għall-konsegwenzi prattiċi u l-aktar urġenti u jisħaq fuq ir-rispett lejn il-bniedem, u hekk ukoll wieħed għandu iqis lill-għajru, mingħajr ebda eċċezzjoni, bħalu nnifsu ieħor billi qabel kollox jieħu ħsieb ta' ħajtu u tal-mezzi meħtieġa biex jgħixha sewwa, li ma jagħmilx bħal dak l-għani li ma mpurtah xejn mill-fqir Lażżru".[11] Frott ukoll ta' dan il-rispett lejn id-dinjità tal-bniedem, il-Knisja ssostni l-għażla preferenzjali tal-fqar u l-bżonn ta' żvilupp awtentiku uman fis-soċjetà.

F'dan id-dawl ma jistax jonqos li għandha ssir ħidma favur l-iżvilupp sħiħ tal-bniedem u ta' kull bniedem: "L-iżvilupp mhux biss ħolma imma dritt li, bħal kull dritt, iġib miegħu obbligu … Fil-ħsieb tal-Maġisteru, id-dritt għall-iżvilupp jissejjes fuq dawn il-prinċipji: l-għaqda ewlenija u aħħarija tal-familja umana, l-ugwaljanza ta' kull persuna u ta' kull komunità mwaqqfa fuq id-dinjità tal-bniedem, id-destinazzjoni universali tal-ġid tal-art, il-kunċett ta' żvilupp sħiħ, u ċ-ċentralità tal-persuna umana u tas-solidarjetà".[12]

Għaldaqstant, meta nagħmlu enfasi żejda fuq id-dimensjoni kwantitattiva tal-iżvilupp—id-dimensjoni tat-tkabbir ekonomiku—nirriskjaw ħafna li nwarrbu konsiderazzjonijiet aktar wiesgħa li jinkludu dimensjonijiet oħra importanti tal-bniedem, ibda minn dik relazzjonali. Sabiex nibnu soċjetà tassew żviluppata—sinjura ekonomikament kif ukoll fir-relazzjonijiet u fil-kapaċitajiet soċjali, kulturali u spiritwali—hemm bżonn ngħaddu minn diskors marbut aktarx mad-dimensjoni ekonomika għal wieħed li jinkwadra aħjar l-iżvilupp sħiħ, u li jara l-ekonomija bħala dimensjoni tas-soċjetà li qegħda għas-servizz tal-bniedem.

Il-punt hu li l-viżjoni dwar x'għandu jkun l-iżvilupp u dwar liema strateġija wieħed għandu jimplimenta biex dan iseħħ tmiss id-dimensjonijiet kollha tal-ħajja soċjali u tar-relazzjonijiet bejn il-membri tas-soċjetà, kif ukoll dawk bejn il-bniedem u l-ambjent tiegħu. Għaldaqstant dawn huma deċiżjonijiet ta' natura kwalitattiva, ċioè ta' natura morali u politika u mhux biss ta' natura ekonomika u teknika. U dan propju għax ifissru għażla bejn mudelli soċjali differenti. Fil-fatt dawn l-għażliet isiru skont ordni

---

[8] Konċilju Vatikan II, *Gaudium et Spes* nru 26.
[9] Konċilju Vatikan II, *Gaudium et Spes* nru 27.
[10] San Ġwanni PawluII, *Evangelium Vitae* nru 3.
[11] Konċilju Vatikan II, *Gaudium et Spes* nru 27.
[12] Kompendju tad-Duttrina Socjali tal-Knisja nru 446.

ta' valuri: il-kwistjoni tal-iżvilupp u ta' kif dan isir tidentifika ruħha mat-tifsira li nagħtu lill-eżistenza tal-bniedem.

Il-Papa Pawlu VI fil-*Popolorum Progressio* kien uża l-kliem li ġej: "X'inhuma l-kundizzjonijiet li verament jixirqu lill-bniedem? Il-ħelsien mill-faqar sabiex ikollu dak li jeħtieg; il-ħelsien mill-gwaj soċjali; l-aċċess akbar għall-għarfien u għall-kultura. Imbagħad ikun jista' jagħraf aħjar id-dinjità ta' kull bniedem, jiggosta l-ispirtu tas-sempliċità, jieħu interess fil-ġid komuni u jixxennaq għall-paċi. Imbagħad ikun jista' jagħraf l-ogħla valuri u lil Alla nnifsu – awtur u l-għan tagħhom. Fl-aħħar, u fuq kollox, hemm il-fidi … ".[13] Il-punt hu li l-kunċett tal-iżvilupp hu marbut sewwa mad-dinjità tal-bniedem u ta' kull bniedem u li għalhekk l-"iżvilupp" għandu bosta dimensjonijiet li lkoll iridu jiġu meqjusa. Forsi indiċi li jista' jgħinna f'dan il-qasam hu l-kunċett ta' *pro-poor growth* (mill-World Bank Group) fejn, għalkemm għad ma teżistix definizzjoni rigoruża li jaqbel magħha kulħadd, tfakkarna sew li l-iżvilupp m'għandniex narawh biss b'mod kwantitattiv (li bosta drabi ma jqisx sewwa d-divarju bejn bnedmin li jgawdu mill-iżvilupp u oħrajn li ma jipparteċipawx fih) imma wkoll b'mod kwalitattiv. Propju ma nistgħux nippermettu li l-ekonomija tinfatam minn dimensjonijiet oħra tal-ħajja tal-bniedem u lanqas ma nistgħu naċċettaw sitwazzjoni fejn l-"iżvilupp" jinfatam miċ-ċiviltà li fih iseħħ. Dak li jgħodd hu l-bniedem – kull bniedem, kull grupp ta' bnedmin u l-umanità sħiħa.[14]

Dan id-diskors jeħodna mill-ewwel għad-dritt ta' kulħadd li jipparteċipa fl-oqsma politiċi, ekonomiċi u soċjali.[15] Forsi hawnhekk, il-kliem tal-Papa Ġwanni XXIII jaħsadna: "Jekk l-istruttura u l-organizzazzjoni ta' sistema ekonomika jikkompromettu d-dinjità tal-bniedem billi jnaqqsu s-sens ta' responsabbiltà tiegħu jew iċaħħduh milli jeżerċita inizjattivi personali, din is-sistema hi inġusta – ukoll jekk tipproduci ħafna ġid, jew jekk il-ġid li tipproduċi jkun imqassam b'mod ġust".[16]

Hawnhekk il-Papa Ġwanni XXIII qed jistedinna nirriflettu dwar l-ispazji reali li persuni għandhom biex jeżerċitaw ir-responsabbiltà tagħhom. Qed jistedinna nirriflettu dwar l-ekoloġija soċjali li ħloqna u qed noħolqu fuq il-postijiet tax-xogħol, fl-istrutturi politiċi u soċjali tas-soċjetà tagħna. Eżempji li nistgħu nirreflettu dwarhom jistgħu jinkludu l-edukazzjoni (fejn irridu naħsbu kemm dwar l-edukazzjoni bażika (wieħed irid jikkunsidra l-problema tal-illitterizmu) kif ukoll dwar dik aktar avvanzata (fejn għad hemm żbilanċ konsidervoli fil-kisbiet ta' persuni ġejjin minn sfondi soċjali differenti).[17] Qed jistedinna naħsbu dwar in-nuqqas ta' sens u tifsira li xi tfal u żgħażagħ qed jesperjenzaw f'ħajjithom u kif dawn qed juru ruħhom fi problemi ta' dipendenza fuq id-droga. Qed jistedinna nirriflettu dwar sitwazzjonijiet ta' dipendenza fuq il-logħob jew l-alkoħol. Qed jistedinna nirriflettu dwar il-familja li għandha rwol bażiku u fundamentali f'kull soċjetà; [18] il-familja, li hija l-ambjent naturali tal-umanizzazzjoni u tal-personalizazzjoni; ambjent privileġġat fejn nitgħallmu min aħna u fejn nirċievu formazzjoni għar-responsabbiltà. Il-familja kulma jmur qed issib ruħha mhedda minn pressjonijiet esterni biex tikkonforma ma' stil ta' ħajja li mhux dejjem huwa ideali għall-istess integrità tal-familja u pressjonijiet ekonomiċi li qed jagħmluha aktar diffiċli li din il-familja jkollha saqaf fuq rasha minħabba ż-żieda fil-prezz tal-propjetà jew tal-kirjiet.

Ċertament dawn huma oqsma li dwarhom ilkoll għandna ħafna x'nixtarru: mhijiex sewwa li deċiżjonijiet etiċi huma biss f'idejn il-politiċi. Kull settur tas-soċjetà (inkluż in-negozju) hu interpellat biex iqis lil kull persuna b'mod etiku u jorganizza ruħu ħalli l-*ethos* tiegħu juri rispett kbir għall-persuna u jwieġeb għall-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tagħha. Ċertament qed nitkellmu wkoll dwar oqsma fejn id-deċiżjonijiet politiċi jistgħu jagħmlu differenza kbira.

---

[13] Papa Pawlu VI, *Popolorum Progressio* nru 21.
[14] Papa Pawlu VI, *Popolorum Progressio* nru 14.
[15] Sinodu tal-Isqfijiet, *Convenientes ex Universo* nru 1.
[16] Papa Ġwanni XXIII, *Mater et Magistra*, nru 83.
[17] Papa Pawlu VI, *Popolorum Progressio* nru 35.
[18] Papa Pawlu VI, *Popolorum Progressio* nru 36.

Fl-aħħar mill-aħħar irridu nżommu f'moħħna l-fatt li "r-rispett tal-persuna umana jiġi mir-rispett ta' dan il-prinċipju: 'Kull wieħed għandu jqis lil għajru, mingħajr ebda eċċezzjoni, bħala hu nnifsu ieħor. Qabel kollox għandu jqis x'ħajja qiegħed jgħix u x'mezzi jeħtieġ biex jgħixha kif jixraq'. ... Id-dmir li tagħmel lilek innifsek proxxmu għal ħaddieħor u taqdih bil-fatti, jikber iżjed jekk dan l-ieħor ikun imċaħħad mill-meħtieġ f'xi qasam, hu liema hu. 'Kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi' (Mt 25:40).[19] Irridu nsemmu wkoll il-fatt li 'sfortunatament hemm divarju bejn l-'ittra' u l-'ispirtu' fejn jidħlu d-drittijiet tal-bniedem ... It-tagħlim soċjali tal-Knisja jtenni u jerġa' jtenni li 'l-iktar ixxurtjati għandhom saħansitra jirrinunzjaw għal xi drittijiet tagħhom biex iqiegħdu ġidhom għas-servizz ta' oħrajn' u li affirmazzjoni eżaġerata tal-ugwaljanza 'tista' tqanqal individwaliżmu li fih kull wieħed jgħajjat għad-drittijiet tiegħu mingħajr kaz tal-ġid komuni".[20]

## Il-ħarsien tal-ambjent, inkluż il-ħela tal-ikel

Huwa stmat li fl-Unjoni Ewropea kull sena jintremew 173kg ta' ikel għal kull persuna, u li l-maġġoranza ta' din il-ħela ġejja mid-djar. L-episodju ta' meta Ġesù tema' 5,000 ruħ (Ġw 6:12), ifakkarna li Alla jipprovdilna bl-abbundanza, imma ta' min niftakkru wkoll li Ġesù jordna lid-dixxipli biex jiġbru dak li jibqa'. Wieħed bħal jista' jiskanta, għax wara kollox dan l-ikel donnu ġie mix-xejn, waqa' mis-sema, kif ngħidu. Imma l-Mulej jurina li xejn m'għandu jinħela, anke meta jkollok bix-xaba. Għal Ġesù ma kienx ħin moħli li flimkien mad-dixxipli jiġbor dak li kien baqa' biex ma jinħeliex. Din hija wkoll tagħlima għalina.

Imma mhux biss. F'dinja fejn kuljum miljuni ta' nies qed isofru l-ġuħ, din il-ħela enormi ta' ikel fil-pajjiżi żviluppati hija stampa skandaluża tal-effetti kollaterali negattivi tal-mudelli prevalenti tal-produzzjoni u l-konsum. Aħna ħafna drabi nipparteċipaw f'din is-sistema b'mod awtomatiku mingħajr ma nieqfu naħsbu ftit. Biżżejjed naħsbu ftit kemm jintrema ikel żejjed minn familja Maltija. Il-Papa Franġisku kemm-il darba rrefera għal dan l-iskandlu. Dan ipoġġi stress kbir fuq l-ekosistemi tagħna u huwa wisq aktar inkwetanti meta tqis li miljuni ta' nies mid-dinja kollha qed ibatu bil-ġuħ.

Għaliex minbarra l-inġustizzja fid-distribuzzjoni ta' dan il-ġid, il-ħela tal-ikel huwa wkoll wieħed mill-akbar kontributuri għat-tibdil fil-klima. L-ikel mormi jissarraf f'170 miljun tunnellata ta' $CO_2$ li jiġi jinħoloq fil-produzzjoni u r-rimi ta' dan l-ikel. Dawn l-emissjonijiet qed iwasslu għal tibdil fil-klima b'riżultati bħal nixfa, għargħar u temp li qed ikun aktar imprevedibbli. Din l-instabbiltà fil-klima qed taffettwa ħażin lid-dinja kollha, imma b'mod speċjali lill-pajjiżi l-fqar li l-għejxien tagħhom jiddependi direttament min-natura. Meta jseħħu dawn il-fenomeni l-bdiewa f'dawn il-pajjiżi jitilfu kollox u qed ikomplu jiftaqqru minħabba l-konsum eċċessiv tan-nies f'pajjiżi sinjuri bħal tagħna.

Bħala Nsara, filwaqt li kuljum fit-talba tal-Missierna nitolbu għall-ħobża ta' kuljum, ejjew niftakru li dan l-ikel li hu jagħtina hu prezzjuz, u li bħalma Ġesù talab lid-dixxipli, l-ebda loqma minn dan l-ikel m'għandha tinħela. Aħna lkoll nistgħu nkomplu dan il-kmand ta' Ġesù billi nnaqqsu l-ħela mid-djar tagħna u nippromwovu liġijiet li jnaqqsu l-ħela. It-tnaqqis fil-ħela tal-ikel huwa mod mill-aktar effettiv biex ngħixu ħajja aktar sostenibbli u biex nagħmlu differenza fil-ħajja tal-oħrajn.

Referenzi:


- http://www.europarl.europa.eu/news/en/headlines/society/20170505STO73528/food-waste-the-problem-in-the-eu-in-numbers-infographic


[19] Katekiżmu tal-Knisja Kattolika nru 1931-1932.
[20] Kompendju tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja nru 158.

## Il-paċi globali, u r-realtà tal-esportazzjoni tal-armi

10% ta' dak li jintefaq kull sena f'armamenti huwa biżżejjed biex jinqered il-faqar u l-ġuħ fid-dinja. Kull sena n-nefqa militari dinjija taqbeż il-$1,700,000,000,000. Wara dan in-numru straordinarju nsibu negozju ta' armamenti li jfixkel bi kbir ix-xewqa ta' kull bniedem li jgħix fil-paċi u l-ġustizzja. Biżżejjed ngħidu li huwa stmat li kull sena jiġu prodotti żewġ bullets għal kull persuna li tgħix fid-dinja. Hemm min jgħid li l-armamenti mhumiex il-kawża tal-gwerer imma 'biss' strumenti li jintużaw meta tfaqqa' gwerra. Ir-realtà hi li meta hemm interessi ekonomiċi daqshekk qawwija, dejjem se jkun hemm nies f'pożizzjoni ta' awtorità li filwaqt li bil-kliem jippromwovu l-paċi, bil-fatti jispiċċaw 'igawdu' direttament u indirettament mill-produzzjoni u l-esportazzjoni tal-armi, fost l-oħrajn minħabba l-korruzzjoni li hija preżenti ħafna f'dan il-qasam.

Fi kliem il-Papa Franġisku, dawk l-istess idejn li fir-ritratti narawhom jieħdu b'idejn xulxin f'negozjati ta' paċi huma jdejn imċappsa bid-demm; idejn ta' mexxejja politiċi ta' pajjiżi fejn teżisti industrija b'saħħitha tal-esportazzjoni tal-armi. "Kulħadd jitkellem fuq il-paċi u kulħadd jgħid li jrid il-paċi, imma l-proliferazzjoni tal-armi teħodna fid-direzzjoni opposta." Il-Papa uża kliem qawwi ħafna kontra l-industrija tal-esportazzjoni tal-armi meta indirizza l-Kungress Amerikan fl-2015. "Għaliex dawn l-armi li joqtlu qed jinbiegħu lil dawk li jixtiequ jużawhom biex jikkawżaw tbatija bla qies lil-persuni u s-soċjetà? Sfortunatement, ir-risposta nafuha lkoll: il-flus. Flus li huma mtebbgħin bid-demm, ħafna drabi demm innoċenti. Quddiem dan is-silenzju tal-mistħija u ħati, huwa d-dmir tagħna li naffrontaw il-problema u nwaqqfu t-traffikar tal-armi."

Ovvjament nafu kif il-kunflitti marbuta mat-traffikar u n-negozju tal-armi mhux biss jirriżultaw f'telf ta' ħajja u imma wkoll f'telf ekonomiku kbir. Huwa stmat li l-kunflitti fl-Afrika 'jiswew' mat-$18-il biljun fis-sena, iktar mill-għajnuna għall-iżvilupp ekonomiku li jirċievu dawn il-pajjiżi. Barra minn hekk, dawn il-kunflitti huma marbuta b'mod qawwi mar-realtà traġika li jridu jaffaċċjaw miljuni ta' nies fid-dinja li jkollhom iħallu pajjiżhom biex jgħixu b'dinjità u fil-paċi. Madwar id-dinja, in-numru ta' refuġjati li kellhom iħallu darhom minħabba l- gwerer u l-persekuzzjoni qabeż it-68 miljun u sakemm b'id waħda ninnegozjaw il-paċi u bl-oħra nbiegħu l-armi, dan in-numru ftit hemm ċans li jonqos.

Għaldaqstant, jekk bħala Nsara nixtiequ verament inkunu ambaxxaturi tal-paċi fid-dinja, ma nistgħux nagħlqu għajnejna quddiem din ir-realtà tat-traffikar u l-esportazzjoni tal-armi mmexxija min-"negozjanti tal-mewt" (il-Papa Franġisku). Il-fidi tagħna u l-pożizzjoni favur il-ħajja titlob minna li nkunu konsistenti u nitħabtu bla waqfien kontra dan in-negozju li jeqred il-ħajja ta' tant nies, b'mod speċjali l-fqar.

Referenzi:


- https://www.reuters.com/article/us-global-military-goals/just-10-percent-of-world-military-spending-could-knock-off-poverty-think-tank-idUSKCN0X12EQ
- https://www.oxfam.org/en/campaigns/why-we-need-global-arms-trade-treaty
- https://www.catholicnewsagency.com/news/pope-dedicates-june-to-praying-for-an-end-to-the-arms-trade-63113
- https://www.sipri.org/media/press-release/2018/global-military-spending-remains-high-17-trillion
- https://www.nytimes.com/2018/06/19/world/five-conflicts-driving-refugees.html

## Solidarjetà mal-barrani

"Ikun għalikom il-barrani bħal wieħed ta' ġewwa; ħobbu bħalek innifsek, għax barranin kontu fl-art tal-Eġittu: Jiena l-Mulej Alla tagħkom" (Lev 19:34).

Minn Abram li telaq minn art twelidu, għall-poplu ta' Iżrael li tela' mill-Eġittu. Mill-eżilju fil-Babilonja għall-ktieb ta' Ruth, il-barranija li tissemma fil-ġenealoġija ta' Ġesù. Fil-paġni tal-Bibbja l-barrani qatt mhu nieqes għal żmien twil. Fl-Evanġelji stess insibu kif Ġesù minn meta kien tarbija għex il-ħajja iebsa tal-eżilju fl-Eġittu. Fir-rakkont tal-ġudizzju universali Ġesù Kristu jgħid b'ċar u tond li l-mod kif nilqgħu lill-barrani huwa wieħed mill-kriterji li fuqu ħa nkunu ġġudikati.

Imma xi jfisser dan kollu għalina li qed ngħixu fir-realtà soċjo-politika ta' pajjiżna fejn il-kwistjoni tal-immigrazzjoni hi taħraq u kontroversjali? Fil-messaġġ għall-Ġurnata Dinjija tal-Immigrant u r-Refuġjat il-Papa Franġisku jagħtina indikazzjoni iktar ċara meta jgħid li "t-tweġiba komuni tagħna tista' tinġabar f'erba' verbi: nilqgħu, nipproteġu, nippromwovu u nintegraw, li huma bbażati fuq il-prinċipji tad-duttrina tal-Knisja".

Li nilqgħu lill-barranin fostna, b'mod speċjali lil dawk li minħabba kunflitt jew persekuzzjoni f'art twelidhom jingħataw l-istat ta' refuġjat, tfisser li bil-kliem u bil-fatti nuru lejn dawn ħutna r-rispett li jixirqilhom. Is-sigurtà tal-persuna tiġi dejjem qabel is-sigurtà nazzjonali u għalhekk irridu nagħmlu minn kollox biex il-persuni li jridu jaċċessaw pajjiż fejn id-dinjità u s-sigurtà tagħhom tiġi mħarsa, ma jkollhomx jieħdu r-riskju li jaqsmu d-deżert u l-baħar. Fl-2018, iktar minn 2,275 persuna tilfu ħajjithom fil-Baħar Mediterran. Li nilqgħu lir-refuġjati tfisser ukoll li ġaladarba jaslu Malta għandhom jiġu offruti mill-bidu nett akkomodazzjoni xierqa u dinjituża u li kull persuna tagħmel ħilitha biex fil-postijiet fejn ngħixu u naħdmu jinħolqu spazji fejn nies b'kulturi, reliġjonijiet u kulur ta' ġilda differenti jistgħu jiltaqgħu u jgħixu flimkien fir-rispett u l-paċi.

Il-verb 'tipproteġi' jfakkarna li meta nitkellmu fuq solidarjetà mal-barrani m'aħniex qed nitkellmu biss fuq xi sentiment superfiċjali li jiddependi mir-rieda tajba tal-persuni. Lanqas mhu qed nitkellmu fuq xi karità fakultattiva. Qatt ma nistgħu ninsew li kull persuna għandha drittijiet li huma tagħha, hi x'inhi n-nazzjonalità tagħha u hu x'inhu l-istat legali fil-pajjiż fejn tinsab. Aħna lkoll msejħin biex nibnu kultura tad-drittijiet li fil-każ tan-Nisrani ssib il-bażi tagħha fid-dinjità li ngħatathilna mill-fatt li aħna lkoll maħluqin fix-xbieha ta' Alla.

'Nippromwovu' tfisser li napprezzaw il-ħiliet tar-refuġjati u l-barranin fostna u noħolqu spazji soċjali u leġiżlattivi li jgħinu lil kulħadd jilħaqq il-milja tiegħu. Dan għandu jsir mhux biss fuq il-post tax-xogħol fejn għandna niġġieldu kontra kull forma ta' diskriminazzjoni u sfruttament, imma billi nippromwovu l-familja permezz ta' proċessi li jwasslu għar-rijunifikazzjoni tal-familji.

Fl-aħħar nett, il-verb 'nintegraw' m'għandu qatt jinftiehem bħala proċess ta' assimilazzjoni, li jinbet mit-twemmin żbaljat li jeżistu kulturi sħaħ li huma inferjuri ta' oħrajn u jwassal għall-qerda ta' ċertu identitajiet kulturali. Fi kliem il-Papa Franġisku l-integrazzjoni hija marbuta mat-trawwim ta' kultura tal-encounter. Dan billi "nkattru l-opportunitajiet ta' skambju interkulturali, niddokumentaw u nxerrdu azzjonijiet ta' integrazzjoni u niżviluppaw programmi maħsuba biex iħejju l-komunitajiet lokali għall-proċessi integrattivi".

Referenzi:


- http://w2.vatican.va/content/francesco/en/messages/migration/documents/papa-francesco_20170815_world-migrants-day-2018.html
- https://www.unhcr.org/desperatejourneys/